MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 487/2011

**Appell Nru. 487/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Micallef)**
**Vs**
**Mario Gauci**

**Illum 31 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 452164(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Gunju 2011 ghall-habta ta' 9.55 pm f'Sir Paul Boffa Ave, Paola, saq jew approva li jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nru. HAM 015 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. W'aktar irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs skont il-ligi.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Novembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 15A u 15E tal-Kap 65 sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ €1,200 u sospenzjoni illi jkollu licenzja ghall-sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u b’dana li ma ssibx lill-appellant hati ta’ l-istess akkuzi u minnhom tilliberah biex b’hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
a. Illi fl-umli opinjoni tal-appellant ma giex ippruvat sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp kriminali illi l-appellant kien qed isuq il-karozza in kwistjoni meta huwa ma kienx f’posizzjoni illi jaghmel dan minhabba xorb jew droga.
b. Illi huwa car illi meta wiehed jinsab rinfacjat b’akkuza bhal dina l-prosekuzzjoni ghandha ggib prova inekwivoka illi minhabba l-effett tax-xorb l-appellant ma kienx fi stat li jsuq jew jikkontrolla l-vettura tieghu.
c. Illi f’dan il-kaz dana kollu ma giex ippruvat skont il-ligi minn naha tal-prosekuzzjoni u dana minhabba s-segwenti ragunijiet:
d. Illi l-fatt per se illi nstab flixkun tal-birra fil-karozza tal-akkuzat assolutament ma jfissirx illi l-appellant kien taht l-influwenza tax-xorb. Meta wiehed jixrob flixkun birra dana ma jfissirx illi dak li jkun ma jistax isuq jew ma jkunx f’pozizzjoni illi jsuq il-vettura tieghu u di piu’ jekk huwa l-kaz illi l-appellant kein ghadu kif xorob dak il-flixkun tal-birra hija haga ovvja illi dana se jkollu xi tip ta’ riha ta’ xorb

fuqu pero’ ghal darba ohra ma jfissirx illi l-akkuzat ma kienx f’pozizzjoni  li jsuq il-karozza tieghu.

e.	Illi lanqas il-fatt illi l-akkuzat spicca habat ma’ karozza ohra hija prova illi l-appellant ma kellux kontroll tal-vettura tieghu minhabba xorb u dana ghaliex kulhadd, xi darba jew ohra, jista’ jahbat bil-karozza tieghu, anke dik il-persuna li jkun l-iktar attenta fit-triq.

f.	Illi f’dan il-kaz, fl-assenza ta’ prova ohra dwar l-istat tal-appellant, l-unika haga li seta’ jindika illi fil-fatt l-appellant ma kienx f’pozizzjoni li jsuq kien certament ikun il-*breathalyser test* pero’ hekk kif jidher mill-affidavit tal-pulizija in kwistjoni l-appellant gie infurmat (jew ahjar zgwidat) illi huwa kellu d-dritt jirrifjuta tali *test,* haga li assolutament u sussegwentament ippregudikat lill-appellant f’dina l-kawza.

g.	Illi dan qed jinghad ghal semplici fatt illi wara li l-appellant pprevalixxa ruhu minn dana hekk msejjah “dritt” (li m’huwa dritt xejn) l-istess pulizija li nfurmah li kellu d-dritt jirrifjuta tali *test* hariglu l-akkuzi odjerni inkluz it-tieni akkuza illi huwa rrifjuta li jissottometti ruhu ghal dan it-test. Din hija haga inaccetabbli u dan ghaliex l-appellant qatt ma kellu jigi nfurmat li huwa kellu dritt jirrifjuta illi jiehu dana t-test u dana ghal semplici raguni illi dana d-dritt hu inezistenti fil-ligi taghna.  Il-ligi hija cara a rigward ta’ dana t-test u cioe’ dak li jkun ghandu ghazla li jaccetta li jissottoemtti ruhu ghal dana t-test jew ghandu l-ghazla li jirrifjuta bil-konsegwenzi kollha li jgib dan ir-rifjut.  Huwa car illi wiehed ma jistax jinghata d-dritt li ma jiehux tali test imbaghad jigi akkuzat illi huwa rrifjuta li jiehu t-test in kwistjoni u dana avolja l-Pulizija qed jghid li sussegwentement wissih b’dak li kien se jaghmel.

h.	Ghalhekk fl-assenza ta’ provi konkreti illi l-appellant ma kienx in kontroll tal-vettura tieghu minhabba x-xorb u fid-dawl tal-fatt illi l-appellant inghata d-dritt inezistenti li jirrifjuta tali test l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant ma jistghux jissusistu u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-istess akkuzi.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-3 ta' Gunju, 2011 ghal habta ta' 9:55 pm f'Sir Paul Boffa Avenue, Rahal il-Gdid l-appellant kien qieghed isuq vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru HAM 015. F'xi hin dana habat ma vettura misjuqha minn Martin Agius, gew il-pulizija u gie nnutat illi l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb. Il-pulizija ressqu lill-appellant il-Qorti u akkuzawh illi ma kienx f'pozizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u li kien irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skont il-Ligi. B'Sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2011 ( fol 6) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta' €1,200 u ssospendiet il-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sitt xhur. L-appellant hassu aggravat u minnha ntepona appell, l-aggravju principali tieghu hu illi ma kienx hemm prova illi l-appellant ma kienx fi stat li jsuq, argumenta wkoll illi l-ewwel gie moghti d-dritt illi jirrifjuta l-breathalyser u mbaghad il ghaliex uza dan id-dritt akkuzawh illi propju naqas li jaghti kampjun tan-nifs skont il-Ligi.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti semghet ix-xhieda tal-parti leza Martin Agius fejn dan qal illi waqaf mar-roundabout u hass daqqa fuq wara, nizel u ma ra lil hadd, pero' segwa lill-appellant u meta rinfaccah illi dahal fih qallu illi kien l-istess Martin Agius illi dahal fl-appellant. Martin Agius osserva illi l-appellant ma kienx fi stat li jsuq, tant kellu sokor fuqu illi r-remetta quddiemu, meta Agius induna f'liema stat kien l-appellant ma kompliex ikellmu u cempel lill-pulizija. Fuq il-post giet WPS 167 J. Grech li mall-ewwel indunat illi l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb, rat ukoll illi fuq id-dashboard tal-vettura tieghu kien hemm flixkun tal-birra. Il-pulizija Grech infurmat lill-appellant illi kellha suspett ragunevoli li kien qed isuq taht l-influwenza ta' l-alcohol u kien se jittiehd kampjun tan-nifs, infurmatu li kellu d-dritt jirrifjuta pero' jekk jaghmel dan jingieb il-Qorti. Hekk gara u b'Sentenza tal-15 ta' Novembru, 2011 (fol 6) l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat.

Minnbara l-affidavit ta’ WPS 167 J. Grech il-Qorti ghandha l-konfort tal-parti leza Martin Agius fejn xehed fejn dana waqaf mar-roundabout u hass daqqa fuq wara u meta nizel ma ra lil hadd, pero’ ssuspetta illi kienet il-karozza ta’ l-appellant illi dahlet fih u ghalhekk segwieh u meta nfacca lill-appellant, l-appellant minn fuq, beda jghid li kien l-istess Agius illi dahal fih. Agius xehed illi l-appellant ma kienx fi stat li jsuq, kellu riha qawwija ta’ xorb u hin minnhom anke rrimetta quddiemu. Meta rah f’dak l-istat ma kienx il-kaz illi jkompli jkellmu u cempel lill-pulizija u kienet hawn illi giet WPS 167 J. Grech biex tinvestiga u kkonfermat ir-riha qawwija ta’ xorb illi kellu l-appellant.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti kellha diversi okkaazjonijiet sabiex tafferma l-principju illi l-breathalyzer test huwa wiehed mill-provi illi l-pulizija ghandha sabiex turi illi persuna tkun fi stat ta’ sokor u ma tkunx tista ssuq, dina hija prova teknika illi ftit tista tigi kontradetta, pero’ dina mhijiex l-unika prova illi l-prosekuzzjoni tita ggib izda, biss wahda mill-provi disponibli lill-prosekuzzjoni f’kaz illi jkollha suspett illi persuna ma tkunx fi stat li tista s-suq. Din il-prova ma tiehux post xhieda okulari illi jistghu jixdhu dwar l-istat ta’ sokor ta’ persuna, f’dan il-kaz ghandna x-xhieda ta’ Martin Agius u ta’ WPS Grech fejn it-tnejn xehdu illi l-appellant kellu riha qawwija ta’ xorb u sahansitra anke rrimetta quddiem il-parti leza Martin Agius. Bhalli kieku dana mhux bizzejjed l-appellant kellu flixkun tal-birra fuq id-dashboard illi kien jindika illi zgur fi zmien vicin dana gie kkunsmat.

Hu ben saput illi l-Qorti tista toqghod fuq xhieda ndizzjarji jekk din il-prova twassal ghal konkluzjoni wahda. F’dan il-kaz ghandna s-sitwazzjoni fejn l-appellant intlemah b’riha qawwija ta’ xorb fuqu, rrimetta u bi flixkun tal-birra kkunsmat fuq id-dashboard tal-vettura tieghu, dawna huma provi ndizzjarji qawwija bizzejjed sabiex iwasslu lill-Qorti ghal konkluzjoni wahda, u cioe` illi l-apellant kien fi stat avanzat ta’ sokor u ma kellux ikun wara l-steering ta’ vettura. Il-pulizija fil-fatt zammew il-vettura mizmuma u

cemplu li habib ta' l-appellant, certa Josef Buhagiar sabiex jigi ghalih u jiehdu d-dar, l-ghada l-appellant seta' jigbor ic-cwievet tal-vettura mill-ghassa. Din il-Qorti jidhrilha illi altru li kien hemm provi bizzejje sabiex jindikaw illi l-appellant ma kienx fi stat li jsuq u kien hemm ukoll provi bizzejjed illi dana rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs. Ghalhekk l-akkuzi mingjuba fil-konfront tieghu huma ppruvat u din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, ghalhekk mhux il-kaz illi d-deskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentanza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------